TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Carl Camilleri

vs

D Door Company

CCT 111/25/MS

10 ta' Dicembru 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-12 ta' Gunju 2025 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-azjenda intimata thallsu l-ammont ta' hamest elef u seba' mitt euro (€5,700.00) wara li huwa ordna bibien mill-istess azjenda intimata, liema bibien zviluppaw hsarat wara ftit xhur, kif spjegat ahjar fl-istess avviz.

Ra r-risposta tal-azienda intimata fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrent u qalet illi jekk kien hemm hsara dan kien unikament responsabbli ghalih ir-rikorrent minhabba uzu eccessiv ta' ilma.

Ra l-atti kollha tal-kawza .

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fi Frar 2024 ir-rikorrent ghamel ordni mal-azjenda intimata ghal diversi bibien, liema bibien gew installati bejn Lulju u Awwissu tal-istess sena. Ftit xhur wara, bejn Dicembru u Marzu, r-rikorrent innota li l-bibien kollha kellhom sinjali ta' *splitting* jew '*chipping*' u ghamel kuntatt mal-azjenda intimata li min-naha taghhom gew jarawhom f'April 2025. Hemmhekk ir-rikorrent sar jaf illi l-bibien ma kienux biss maghmulin bic-*chipboard* izda kellhom ukoll l-MDF. Min-naha taghha, l-azjenda intimata infurmat ir-rikorrent illi minhabba l-fatt illi l-hsarat kienu gejjin minn uzu eccessiv ta' ilma, huma ma kienux disposti illi jbiddlu l-bibien minghajr hlas, pero' dan ma kienx accettabbli ghar-rikorrent. Ir-rikorrent ilmenta mill-fatt illi l-azjenda intimata damet hames xhur biex tigi tara l-bibien u mill-fatt ukoll illi l-bibien ma kienux sigillati sew. Ir-rikorrent qal ukoll

illi li kieku kien jaf illi l-materjal tal-bibien kien jikkonsisti f'MDF huwa ma kienx jixtrihom.

Xehed ukoll Jason Portelli illi ikkonferma illi l-bibien kienu gew installati f'Lulju u li kollox kien lest sa' Awwissu 2024. L-ewwel ilment kien fix-xambrella (box-frame) tal-bieb tal-kamra tal-banju u hu kien mar jarah. Dakinhar meta mar, sab il-mara tar-rikorrent kienet qieghda tahsel b'hafna ilma u fil-fatt il-hsara li fuqu kien qed jilmenta r-rikorrent kien kollu fl-art - u cjoe' fin-naha ta' isfel tal-bibien. Huwa baghat ritratti lis-isupplier sabiex jiftah claim mieghu, pero' dan ma giex accettat minhabba l-fatt illi l-hsara kienet gejja mill-uzu ta' ilma. L-intimat qal illi meta l-bibien gew installati, dawn kienu sigillati tajjeb mad-dawra , imma innota illi s-*sealers* kienu sfar u dan minhabba l-fatt illi l-kelb tar-rikorrent kien qed jaghmel il-bzonnijiet tieghu gewwa u huma kienu qeghdin jahslu b'hafna ilma. Hu kien kellem lir-rikorrent u qallu illi ma setax jitfa' dak il-kwantita' ta' ilma mal-art u talab lir-rikorrent sabiex jaqla' bieb biex jiehdu ritratti minn taht biex ighadduh ghand is-supplier izda r-rikorrent ma accettax. L-intimat qal illi r-rikorrent kien jaf illi l-bibien kienu tac-*chipboard* u tal-MDF izda huma offrewlu illi jsiru tal-*plywood* izda qal li xorta wahda bil-plywood ma tistax titta' dak l-ammont kbir ta' ilma.

Ikkunsidra

Illi fil-mori tal-kaz, it-Tribunal gie infurmat mir-rikorrent illi l-ilment principali tieghu kien fuq ix-xambrelli u mhux fuq il-bibien u li kien lest jaccetta illi l-azjenda intimata tbiddel ix-xambrelli bil-*plywood,* a spejjes taghha.

Fir-risposta taghha, l-azjenda intimata, ssemmi zewg okkazjonijiet differenti meta l-intimat mar biex jispezzjona l-bibien. Meta mar l-ewwel darba, innota illi l-klijent kien qed jahsel l-art wara li l-kelba kien ghamel mal-art u kien qed jintuza ammont kbir ta' ilma. Gie notat ukoll riha qawwija ta awrina u dakinhar l-intimat avza lir-rikorrent biex ma jibqax juza hafna ilma ghaliex dan kien ha jaghmel hsara lill-bibien. Dakinhar ir-rikorrent staqsa jekk ix-xambrelli setghu jigu b'materjali differenti u qal ukoll illi huwa kien lest li jhallas id-differenza, izda qatt ma ghamel kuntatt maghhom wara dwar l-updgrade. Ftit xhur wara, ir-rikorrent ilmenta fuq hsarat ohra u meta marru t-tieni darba rega' innota illi l-hsarat kienu kollha gejjin minn uzu eccessiv ta' ilma. Dakinhar l-intimat qallu illi kien ha jkellem lis-supplier u talbu spjegazzjoni ta' kif kienet grat il-hsara, izda r-rikorrent qatt ma ta spjegazzjoni u qatt ma ilmenta mill-fatt illi l-bibien ma kienux nstallati jew sigillati sew. L-intimat qal ukoll illi kuntrarjament ghal dak allegat minnu, ir-rikorrent kien jaf ben tajjeb f'hiex kien jikkonsisti l-materjal. Meta l-azjenda intimata giet ikkuntattjata fuq dan il-kaz, huma ghamlu kuntatt mar-rikorrent sabiex jaqilghu l-bieb tal-kamra tal-banju biex ikunu jistghu jispezzjonawh ahjar, izda dan gie irrifjutat.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Ikkunsidra

Illi mill-provi prodotti it-Tribunal huwa sodisfatt li l-ħsarat fix-xambrelli u fil-bibien ma kienux riżultat ta' xi difett latenti fil-bibien jew minhabba kwalità inferjuri tal-materjal, iżda ġew ikkawżati minn fatturi esterni relatati mal-użu u l-manutenzjoni tal-istess bibien min-naha tar-rikorrent. L-evidenza turi b'mod ċar li l-l-bibien kienu spiss esposti għal ilma minħabba l-fatt li l-kelb tal-attur kien jaghmel ġewwa, u dan wassal għal tindif frekwenti u eċċessiv bl-ilma. Dan inevitabbilment iwassal għall-ħsara.

Illi l-argument tar-rikorrent - u cjoe' li kieku kien offrut materjal aktar reżistenti kien jagħżel dak, ma jreggix. Mhuwiex il-kompitu tal-azjenda intimata li tissuġġerixxi jew toffri alternattivi lil hinn minn dak li ġie ordnat. Li kieku r-rikorrent ghamilha cara mill-bidu illi huwa xtaq materjali li kien resistenti ghall-ilma jew li huwa xtaq plywood - kien ikollu ragun, imma din il-prova ma saritx. Jekk l-attur xtaq injam ta' kwalità ogħla jew reżistenti għall-ilma, kien sta ghalih li jindika dan fil-bidu nett, pero' l-prova ma saritx. It-Tribunal huwa propens jemmen illi r-rikorrent ghazel dak il-materjal ghal ragunijiet tieghu u meta ra illi ma kienx daqshekk resistenti ghall-ilma xtaq ibiddel il-materjal ghal wiehed ahjar.

It-Tribunal ha in konsiderazzjoni ukoll il-fatt illi r-rikorrent irrifjuta illi jaqla' l-bieb sabiex taghti l-azjenda intimata l-opportunita' biex tispezzjonah sabiex tkun f'posizzjoni illi tibghat kollox ghand il-manifattur.

Illi wara li ra l-atti kollha kif ukoll l-artikoli 73 et seq tal-Kap 378, jidhirlu illi r-rikorrent ma rnnexxielux jipprova l-istanza tieghu sal-grad rikjest.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjes kontra tieghu.

**Dr Michela Spiteri, LL.D.**

**Arbitru**